**Talba**

Mulej, meta l-mewġ ikun irid jiblagħni
Ħaġa waħda ninnota ġewwa fija,
Qalbi toħroġ u lilek tiġri tfittxek
Hekk maqsuma u bil-għali mifnija.

Int ta' Ragħaj Ħanin u kollok imħabba
Idejk malajr tiftaħ ħalli tħaddanni,
U meta nħoss it-tgħannieqa hekk ħelwa
O kemm lili tfejjaqni mill-inganni.

Mulej, veru serħan fik hemm o Alla
F'did-dinja mifnija bil-għira u l-ġlied,
Li aktar ma tfittex dak li hu tagħha
Aktar togħdos fil-ġenn, fid-dwejjaq, fl-inkwiet.

Mulej, nixxennaq għall-familja tiegħek
Li fil-verità ġejja minn kullimkien,
Hi dil-familja li għad tgħix għal dejjem
Miegħek fis-sema, f'dik Saltnatek bla tmiem.

Ta' did-dinja hekk imberfla fit-taħwid
Li tivvendika u qatt ma taf b'maħfra,
Għalhekk qiegħedha sewwa għax kollha ponot
U lsienha tih jaqta' daqs l-aqwa xafra.

Imma int Mulej b'ħafna għożża w mħabba
Tajt tweġiba mill-isbaħ, li ma teqdimx,
Sirt bniedem biex lilna żgur li tifhimna
U tfejjaq lil qalbna li le ma temminx.

Ejja Mulej, idħol, qalleb l-istorja,
Ġibilna s-sliem, għax qalbna qed tingħafas,
Agħtina sa fl-aħħar li tixtieq qalbna
Kun inti Mulej tagħna lkoll il-qafas.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Gunju 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.